## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Dr Giovanni M.Grixti LL.M., LL.D.

**Appell Numru 315/2018**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**Vs**

**Thomas Camilleri.**

Illum 29 ta' Marzu, 2021

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Thomas Camilleri detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 570788(M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gżejjer f'xi ħin bejn it-18 ta' Settembru 2015 u l-21 ta' Settembru 2015:

1. B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara

għal ħaddieħor tas-somma ta' tliet mitt (300) euro u dan għad-dannu ta' Vincent Azzopardi u / jew persuni oħra, ai termini tal-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Għamel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan is-sub-titolu (Sub-titolu III, Fuq il-Frodi) għad-dannu ta' Vincent Azzopardi u / jew persuni oħra, ai termini tal-artikolu 309 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Talab, irċieva, aċċetta xi offerta ta' xi vantaġġ mhux xieraq għalih innifsu jew għal ħaddieħor bil-għan li jeżerċita xi influwenza mhux xierqa bħalma hemm imsemmi fis-subartikolu (1) tal-artikolu 121A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ukoll talli għall-ħabta tal-04:45 ta' filgħodu tat-18 t'Awwissu 2015:

4. Ikkommetta serq ta' playstation għad-detriment ta' Darren Briffa u / jew persuni oħra, liema serq huwa aggravat bil-ħin;

Ukoll talli għall-ħabta ta' bejn il-5:00 ta' wara nofs in-nhar u s-7:00 ta' filgħaxija tat-18 t'Awwissu 2015:

5. B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi ura ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor tas-somma ta' ħames mitt euro (€500) u dan għad-dannu ta'

Nicholas Meilaq u / jew persuni oħra, ai termini tal-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Għamel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan is-subtitolu (Subtitolu III, Fuq il-Frodi) għad-dannu ta' Nicholas Meilaq u / jew persuni oħra ai termini tal-artikolu 309 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ukoll talli għall-ħabta tat-08:00 ta' filgħaxija tas-06 ta' Lulju 2015:

7. B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi ura ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor tas-somma ta' mitejn euro (€200) u dan għad-dannu ta' Raymond Grech Marguerat u / jew persuni oħra, ai termini tal-artikolu 308 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Għamel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikolu ta' qabel dan is-subtitolu (Subtitolu III, Fuq il-Frodi) għad-dannu ta' Raymond Grech Marguerat u / jew persuni oħra ai termini tal-artikolu 309 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ukoll talli għall-ħabta tat-03:00 ta' wara nofs in-nhar tat- 2 ta' Lulju 2015

9. Approprja ruħu, billi dawwar, bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor u cioe' mobile phone Samsung 54 li kien ġie fdat jew ikkunsinnat lilu taħt titolu li jgib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu

speċifikat għad-detriment ta' Jonathan Baldacchino u / jew persuni oħra;

Ukoll talli:

10. Sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenza mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018 tal-istess Qorti li biha, wara li rat l-artikoli 121A(2), 261, 294, 308 u 309 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat **mhux ħati** tar-raba', is-seba' u t-tmien imputazzjoni u minnhom illiberatu, izda sabitu **ħati** tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-ħames, is-sitt u d-disa' akkuza [*recte:* imputazzjoni] dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghall-tliet snin priġunerija. Il-Qorti rrakkomandat li l-imputat jagħmel programm ta' riabilitazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Thomas Camilleri pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Lulju 2018 li bih talab li din il-Qorti **tħassar u tirrevoka** s-sentenza appellata u tiddikjara l-istess nulla u tordna li l-atti kollha jkunu rimessi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati għas-smigħ mill-ġdid tagħhom u dan sabiex l-appellant ma jkunx imċaħħad mid-doppio esame; subordinatament talab **ir-riforma** tas-sentenza billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellant kien dikjarat mhux ħati tar-raba'(4), is-seba' (7) u t-tmien imputazzjoni (8) u ddikjaratu mhux ħati tagħhom, tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu ħati tal-ewwel (1), it-tieni(2), it-tielet (3), il-ħames (5), is-sitt (6) u d-disa' (9) imputazzjoni u minflok

tiddikjarah mhux ħati tagħhom u konsegwentement tilliberah minnhom; u subordinatament ukoll **tirriformaha** fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ;

Rat l-aggravji tal-Appellant;

Rat l-eccezzjoni sollevata mill-Avukat Generali dwar in-nullita' tas-sentenza appellata;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet il-partijiet jittrattaw.

Ikkonsidrat:

1. Illi din hija sentenza preliminari dwar il-gravami ta' nullita' tas-sentenza appellata sollevata mill-imputat kif ukoll dwar eccezzjoni ohra ta' nullita' sollevata, din id-darba, mill-Avukat Generali waqt is-smiegh ta' dan l-appell;

2. Fl-ewwel aggravju tieghu ghalhekk, l-appellant jallega n-nullita' tas-sentenza appellata minhabba nuqqas ta' osservanza tal-artiklu 382 tal-Kodici Kriminali da parti tal-ewwel Qorti u dan f'xejn anqas minn tlett okkazzjonijiet billi naqset milli tghid x'inhuma l-fatti tal-kaz, naqset milli tghid ghaliex kienet qed issib lill-imputat hati, kif ukoll li tipprovdi

dwar l-ghaxar "imputazzjoni" fil-konfront tieghu ghar-rigward tar-recidiva;

3. L-appellant korrettament jaghmel referenza ghall-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali li jelenka l-elementi li ghandhom isawru sentenza ghall-validita' taghha: "*Il-qorti meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".* Minn din l-ottika allura, l-appellant huwa korrett kwantu jiccita' l-artikolu applikabbli. Jokkorri ghalhekk li jkun ezaminat jekk l-ewwel Qorti adheritx mar-rekwiziti ta' dan l-artikolu;

4. Maghmul dan l-ezami, jemergi illi fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti rriproduciet l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat, ddikjarat li rat id-dokumenti esebiti u semghet il-provi kif ukoll lill-partijiet u ghaddiet sabiex tiddikjara lill-imputat mhux hati f'certi fatti u hati f'fatti ohra u erogat il-piena wara li indikat l-artikolu tal-ligi li fil-fehma taghha jirravizaw dawk il-fatti li fihom instabet htija. Il-kwistjoni tal-artikoli tal-ligi ser tkun kunsidrata fl-eccezzjoni mqanqla mill-Avukat Generali aktar 'l isfel;

5. Issa ghalkemm is-sentenza appellata hija wahda fqira hafna u ma tirrispekjax it-tradizzjoni tal-Qrati taghna li invarjabilment f'kawzi li, ghalkemm sommarji jew rezi sommarji, izda ta' certu portata bhal dik in dizamina fejn si tratta ta' allegati frodi plurimi, jghamlu rassenja tal-provi u jirredigu ezami tal-fatti u l-ligi jew ligijiet kolpiti sabiex juru

ghaliex kienet qed tinsab htija jew le, hija xorta wahda valida skond il-ligi;

6. L-appellant jillanja li l-ewwel Qorti ma semmietx il-fatti li dwarhom kienet qed tinstab htija. Jillanja ukoll illi l-Qorti naqset milli tiddikjara ghaliex kienet qed issib htija u hawn hu mifhum li l-appellant qed jistenna li l-Qorti taghti motivazzjoni ghas-sentenza taghha. Dan il-mertu, izda, kien deciz diversi drabi mill-Qrati taghna anke minn din il-Qorti kif preseduta u per ezemplari qed issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Albert Caruana App Kri 120/2015 GMG tat-30 ta' Jannar 2017. Dik kienet sentenza preliminari dwar gravam konsimili fejn izda kien ritenut illi il-htiega li l-Qorti tghid x'ikunu l-fatti ex artikolu 382 tal-Kap 9 ma tfissirx li l-Qorti trid tghid x'inhuma l-motivazzjonijiet taghha u konsegwentement ma jkunx hemm nullita' jekk is-sentenza tkun priva minn motivazzjoni;

7. Il-Qorti kienet esprimiet thassib dwar li kien wasal iz-zmien li l-Qorti tkun marbuta li telenka l-motivazzjonijiet ghad-decizzjoni taghha aktar u aktar llum fejn il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati hija estiza ghall-kawzi li jgorru maghhom sentejn prigunerija fil-kompetenza originali taghha u sa tnax-il sena bil-kunsens tal-Avukat Generali u nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat. Dan it-thassib izda jidher li ma qanqal l-ebda aptit ghall-korrezzjoni tas-sitwazzjoni kurrenti anke jekk kif gia intqal, tradizjonalment il-Qrati jimmotivaw id-decizjonijiet taghhom b'mod invidjabbli hlief ghal xi eccezzjoni bhal dik odjerna;

8. L-istess jinghad ghall-ilment tal-appellant kwantu l-allegat nuqqas tal-ewwel Qorti li ssemmi l-fatti li dwarhom kienet qed tinsab htija ghaliex sa issa dejjem kien ritenut illi r-riproduzzjoni tal-imputazzjonijiet huwa bizzejjed sabiex jissodisfa r-rekwizit fl-artikolu 382 tal-Kap 9. Dan kien hekk deciz fis-sentenzi ta' din il-Qorti Il-Pulizija vs Peter Abdilla tat-28.7.2010, Il-Pulizija vs Mariella Caruana tal-15.12.2010, Il-Pulizija vs John Tanti tal-24.1.2013 u Il-Pulizija vs Carmel Polidano tal-11.12.2013 fost diversi ohrajn u din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tikkontempla xi hsieb differenti minn hekk;

9. It-tielet raguni ghaliex l-appellant jallega li s-sentenza in desamina hija nulla ukoll tirrigwarda l-formalita' *ab nullitatem* ravvizata fl-artikolu 382 tal-Kap 9 meta l-ewwel Qorti naqset milli tipprovdi dwar dik li jsejjah "imputazzjoni" numru 10. Il-fatt numerat 10 fic-*charge sheet* kif ukoll fl-elenku tal-fatti fis-sentenza jaqra hekk: "*Sar recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Mala), liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula*";

10. Issa, ghalkemm fis-sentenza appellata l-Qorti ssemmi dan l-allegat fatt bl-istess numru, igifieri numru 10, hija siekta ghall-ahhar in rigward u fil-fatt ma tipprovdi xejn dwaru. Ghal precizjoni, din mhix imputazzjoni ghaliex kif palezament akkolt fil-gurisprudenza dan huwa addebitu li f'kaz li tinsab htija l-Qorti hi tenuta, jekk hekk mitluba, li tiddikjara lill-hati bhala recidiv fit-termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9. U l-ewwel Qorti naqset milli taghmel dan anke

wara li sabet htija f'uhud mill-fatti imputati. L-Avukat Generali ukoll ghamel din l-osservazzjoni kif ser isegwi fil-paragrafi li jmiss;

11. Fl-udjenza tat-3 ta' Frar 2020 kien registrat is-segwenti verbal mill-Avukat Generali: '*Dr Maria Francesca Spiteri, mingħajr preġudizzju għall-aggravju sollevat mid-difiża dwar in-nuqqas tal-Ewwel Qorti li tagħti raġunijiet għas-sejbien ta' ħtija għal-liema aggravju l-Avukat Ġenerali ma jaqbilx miegħu, tissoleva n-nullita' tas-sentenza appellata peress li l-Ewwel Qorti ma tat ebda deċiżjoni fuq l-addebitu tar-reċidiva u dwar il-fatt li ma kkwotatx l-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali li jikkontempla r-reat ta' misapproprijazzjoni.*'

12. L-Avukat Generali u l-imputat ghandhom ragun dwar in-nuqqas tal-ewwel Qorti li tipprovdi dwar it-talba ghad-dikjarazzjoni ta' recediva skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9. Ghalkemm dik mhix imputazzjoni, izda addebitu, il-Qorti kienet mitluba tipprovdi dwarha u ppekkat meta naqset milli taghmel dan ghaliex dik hi kwistjoni li kellha tkun deciza minnha skond l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali;

13. L-Avukat Generali ghandu ragun ukoll fit-tieni osservazzjoni tieghu ghaliex huwa manifest li l-ewwel Qorti ippekkat ukoll meta naqset milli tindika l-artikolu tal-ligi dwar id-disa' imputazzjoni li tieghu sabet htija. Jidher li l-ewwel Qorti strahet fuq l-artikoli indikati mill-prosekuzzjoni meta indikat l-artikolu 294 tal-Kodici Kriminali izda id-disa' imputazzjoni tirraviza r-reat ipotizzat fl-artikolu 293 ta' qliegh b'qerq u mhux l-artikolu 294 li jipprovdi ghal-mod kif titmexxa

l-procedura u l-piena meta l-oggett fdat f'idejn il-persuna li tapproprja l-haga ikun hekk fdat minhabba l-professjoni, industrija, kummerc jew amministrazzjoni jew kariga ohra. Ezaminata x-xhieda ta' Jonathan Baldacchino, l-allegat vittma ta' tehid ta' telefon cellulari mill-appellant, ma hemmx l-elementi ravvizati fl-artikolu 294 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk il-htija li ghaliha irriferiet l-ewwel Qorti ma setghetx tkun ghajr ghall-fatti kif ravvizati fl-artikolu 293;

14. Huwa palezament akkolt ukoll fil-gurisprudenza illi meta l-artikolu 283 tal-Kap 9 jesigi l-Qorti trid issemmi l-artikolu tal-ligi jew ligijiet li dwarhom tinsab htija, dak li jrid ikun indikat *ad validitatem* huwa l-artikolu li jipotizza r-reat u mhux xi artikolu iehor dwar piena jew zieda fil-piena. L-ewwel Qorti manifestament naqset milli taghmel dan fir-rigward tad-disa' imputazzjoni u ghalhekk tirrizulta nuqqas ta' formalita' essenzjali ghal validita' tas-sentenza appellata;

15. Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tichad in parti l-ewwel aggravju tal-appellant fejn jitratta dwar in-nullita' tas-sentenza minhabba nuqqas ta' dikjarazzjoni tal-fatti u nuqqas ta' motivazzjoni tas-sentenza, tilqa' l-aggravju kwantu nuqqas ta' decizzjoni dwar l-addebitu tar-recidiva. Tilqa' ukoll l-eccezzjoni tal-Avukat Generali dwar n-nullita' tas-sentenza appellata in kwantu l-ewwel Qorti naqset milli tippronunzja ruhha dwar l-addebitu tar-recidiva kif ukoll dwar li l-ewwel Qorti naqset milli tindika l-artikolu tal-ligi meta sabet htija fid-disa' imputazzjoni;

16. Ghalhekk tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett;

17. Illi dikjarazzjoni ta' nullita' ta' sentenza, iggib maghha effetti li jvarjaw minn kawza ghall-ohra. L-ewwel wiehed hu li fit-termini tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi **hi stess** il-kaz mill-gdid "*meta l-qorti superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalita' li trid il-ligi taht piena ta' nullita', jew li tkun xort'ohra sostanzjali*". It-tieni konsegwenza hi li n-nullita' tas-sentenza taffettwa biss dik il-parti taghha fejn tkun instabet htija fejn allura tista' titqies bhala nullita' parzjali. Il-Qorti tal-Appell ghalhekk ma tergax tisma' u tiddeciedi dwar dawk l-imputazzjonijiet li dwarhom ikun hemm liberatorja (ara sentenza citata **Karmenu Attard**) Inoltre, l-aggravji tal-appellant imbaghad jitqiesu bhala sottomissjonijiet fil-kawza (ara **Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech** [App Krim 10.09.07]). Finalment, meta tigi biex tiddeciedi l-mertu mill-gdid, din il-Qorti ma tkunx marbuta bis-subartikolu (7) tal-artikolu 428, igiefieri mal-piena erogata mill-ewwel Qorti u konsegwentement tista' zzid il-piena skond il-kaz. (ara **Il-Pulizija vs Joseph Farrugia** [App Kri 13.1.1995])

18. Illi stante li l-ewwel Qorti qatt ma pronunzjat ruhha dwar l-addebitu tar-recidiva, jekk taghmel hekk din il-Qorti ai termini tal-artikolu 428 tkun qed taghti decizzjoni inappellabbli. Kien ikun differenti jekk din il-Qorti tiddeciedi *ex novo* dwar l-imputazzjoni li taghha kien instab hati l-appellant ghaliex dan hu dak li jipprovdi l-artikolu 428 anke

jekk b'hekk jista' jitqies li tkun decizzjoni gdida izda moghtija minn din il-Qorti bhala wahda ta' revizzjoni;

19. Ghal dawn il-motivi tordna li l-atti jkunu rinvjati lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex tiddeciedi l-kaz mill-gdid hlief f'dawk l-imputazzjonijiet li minnhom kien liberat l-imputat u li ghandhom ikunu riflessi fis-sentenza l-gdida bhala minnhom liberat;